IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.12.2021
COM(2021) 970 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma (2000/06/KE), id-Direttiva dwar l-Istandards ta' Kwalità Ambjentali (2008/105/KE kif emendata bid-Direttiva 2013/39/UE) u d-Direttiva dwar l-Għargħar (2007/60/KE

Implimentazzjoni tal-Programmi ta' Miżuri ppjanati
Sustanzi ta' Prijorità Ġodda
Valutazzjonijiet Preliminari tar-Risjku ta' Għargħar u Żoni ta' Riskju Sinifikanti Potenzjali ta' Għargħar

{SWD(2021) 970 final} - {SWD(2021) 971 final}

1. Introduzzjoni

Bl-adozzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew[1], l-UE ħadet passi kruċjali sabiex tindirizza l-kriżijiet simultanji u interkonnessi tat-tibdil fil-klima, ir-riskju għas-saħħa, it-telf tal-bijodiversità u t-tniġġis fil-midja ambjentali kollha. Il-ġestjoni sostenibbli tal-kwalità u tal-kwantità tal-ilma għandha rwol kruċjali fir-rispons għal din il-kriżi, billi tibbaża fuq il-qafas leġiżlattiv eżistenti u l-implimentazzjoni ambizzjuża tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-inizjattivi sussegwenti tiegħu. Il-finanzjament li issa huwa disponibbli għall-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' rkupru u ta' reżiljenza tal-Istati Membri huwa appoġġ addizzjonali, li jgħinhom jindirizzaw il-pressjonijiet eżistenti fuq il-kwalità u fuq il-kwantità tal-ilma ħelu, u b'hekk jistimula wkoll it-tranżizzjoni għal ekonomija Ewropea nadifa, ċirkolari u ħielsa mill-karbonju fir-rigward tal-prinċipju ta' "la tagħmilx ħsara".

Fl-2021, l-Ewropa għal darba oħra rat l-impatti ta' inċidenti estremi relatati mal-ilma, aggravati mill-effetti tat-tibdil fil-klima: l-avvenimenti ta' għargħar drammatiku fil-baċiri tax-xmajjar tar-Renu u tal-Meuse u l-mewġiet tas-sħana u n-nirien fil-foresti mingħajr preċedent ikkawżaw telf traġiku ta' ħajjiet umani u ħafna biljuni ta' euro fi ħsara. Filwaqt li huma parzjalment relatati biss ma' politika xierqa dwar l-ilma, dawn l-avvenimenti jindikaw l-importanza ta' titjib fil-ġestjoni tal-ilma ħelu, segwit b'mod konsistenti fuq żmien twil, inkluż bejn il-fruntieri nazzjonali.

Id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma[2] (WFD) tipprovdi l-qafas ewlieni u l-objettivi ġenerali għall-politika dwar l-ilma fl-Ewropa, u għall-kisba ta' status tajjeb tal-ilmijiet kollha tal-wiċċ u tal-art. Id-Direttiva dwar l-Istandards ta' Kwalità Ambjentali[3] (EQSD) u d-Direttiva dwar l-Ilma ta' Taħt l-Art[4] (GWD) jikkomplementaw id-WFD għall-istandards tal-ilma tal-wiċċ u tal-ilma ta' taħt l-art rispettivament. Il-kontroll tal-idoneità tal-2019 tal-liġi tal-UE dwar l-ilma[5], li jkopri dawn it-tliet Direttivi u d-Direttiva dwar l-Għargħar[6], ikkonkluda li l-qafas leġiżlattiv eżistenti huwa ġeneralment adattat għall-iskop tiegħu, b'xi lok għal titjib. Dan ikkonkluda li l-ilħuq tal-objettivi tad-WFD u tad-Direttiva dwar l-Għargħar se jirrikjedi finanzjament suffiċjenti, implimentazzjoni aktar rapida, u integrazzjoni aħjar tal-objettivi tagħhom fil-leġiżlazzjoni settorjali. Uħud min-nuqqasijiet tal-leġiżlazzjoni u l-miżuri possibbli dwar is-sustanzi kimiċi se jiġu vvalutati fil-valutazzjoni tal-impatt li għaddejja għal-listi ta' sustanzi fl-ilma ta' taħt l-art u fl-ilma tal-wiċċ[7].

---

[1] https://ec.europa.eu/info/strategy/priorities-2019-2024/european-green-deal_mt

[2] Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma, ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1

[3] Id-Direttiva 2008/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards ta' kwalità ambjentali fil-qasam tal-politika tal-ilma, ĠU L 348, 24.12.2008, p. 84, kif emendata bid-Direttiva 2013/39/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Awwissu 2013, ĠU L 226, 24.8.2013, p. 1

[4] Id-Direttiva 2006/118/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar il-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art kontra t-tniġġis u d-deterjorament, ĠU L 372, 27.12.2006, p. 19

[5] https://ec.europa.eu/environment/water/fitness_check_of_the_eu_water_legislation/index_en.htm

[6] Id-Direttiva 2007/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar il-valutazzjoni u l-immaniġġjar tar-riskji tal-għargħar, ĠU L 288, 6.11.2007, p. 27

[7] https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12662-Integrated-water-management-revised-lists-of-surface-and-groundwater-pollutants_mt

Dan ir-rapport għandu l-għan li jipprovdi aktar għarfien u se jkun punt ta' kontroll ieħor għall-progress fl-implimentazzjoni ġenerali tal-leġiżlazzjoni, bħala pass lejn il-valutazzjoni tal-ġenerazzjoni li jmiss (mill-2022 sal-2027) tal-pjanijiet ta' ġestjoni tal-baċiri tax-xmajjar (RBMPs) u tal-pjanijiet ta' ġestjoni tar-riskju ta' għargħar.

Dan jinkludi l-valutazzjoni tal-Kummissjoni tar-rapportar obbligatorju reċenti relatat mal-ilma mill-Istati Membri:

- Il-progress fl-implimentazzjoni tal-programmi ta' miżuri (PoMs) skont it-tieni ċiklu tad-WFD (mill-2016 sal-2021);
- Il-monitoraġġ ta' sustanzi prijoritarji fl-ilma tal-wiċċ, miżjuda mal-lista skont l-EQSD fl-2013;
- Ir-rieżami u l-aġġornament tal-valutazzjonijiet preliminari tar-riskju ta' għargħar mill-ewwel ċiklu tad-Direttiva dwar l-Għargħar (mill-2016 sal-2021).

2. Rapportar

It-tieni RBMPs skont id-WFD (mistennija sa Diċembru tal-2015) ġew ivvalutati mill-Kummissjoni fl-2019[8]. Ir-rapporti *interim* dwar l-implimentazzjoni tal-PoMs kellhom isiru sa Diċembru tal-2018. Il-Kummissjoni, skont l-Artikolu 18 tad-WFD, trid tinforma lill-Parlament u lill-Kunsill dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-PoMs fi żmien tliet snin mir-rapport ta' valutazzjoni tagħha tal-RBMPs. L-Istati Membri kollha rrapportaw dwar l-implimentazzjoni *interim* tal-PoMs tagħhom.

Fir-rigward tal-EQSD, dan ir-rapport jivvaluta l-progress fl-implimentazzjoni tar-rekwiżiti relatati mat-12-il sustanza ġdida miżjuda mal-lista ta' sustanzi prijoritarji fl-ilma tal-wiċċ, maqbula fl-2013. B'mod speċifiku, id-Direttiva 2008/105/KE, emendata bid-Direttiva 2013/39/UE, l-Artikolu 3(1a)(ii), tirrikjedi li l-Istati Membri jistabbilixxu u jippreżentaw lill-Kummissjoni programm ta' monitoraġġ supplimentari u programm preliminari ta' miżuri li jkopru s-sustanzi elenkati ġodda. L-Istati Membri kollha rrapportaw dwar is-sustanzi prijoritarji l-ġodda.

Fl-aħħar nett, fir-rigward tat-tieni ċiklu ta' rapportar tad-Direttiva dwar l-Għargħar, l-Istati Membri, skont l-Artikolu 14, huma mitluba li sat-22 ta' Diċembru 2018 ikunu eżaminaw mill-ġdid u aġġornaw, l-ewwel valutazzjonijiet preliminari tar-riskju tal-għargħar (PFRA) tal-ewwel ċiklu tagħhom. Ir-rapportar lill-Kummissjoni kien meħtieġ sat-22 ta' Marzu 2019. Kważi l-Istati Membri kollha rrapportaw dwar l-aġġornamenti tal-ewwel PFRAs tagħhom[9].

3. It-tieni programm ta' miżuri – valutazzjoni *interim*

L-Artikolu 11 tad-WFD jirrikjedi li l-Istati Membri jiżviluppaw PoM għal kull Distrett tal-Baċir tax-Xmara (RBD) u jispeċifikaw il-kontenut tagħhom, li jikkonsisti f'miżuri bażiċi (l-

[8] https://ec.europa.eu/environment/water/water-framework/impl_reports.htm

[9] Diversi Stati Membri ma rrapportawx sal-iskadenza. Il-Kummissjoni nediet proċedimenti ta' ksur għal rapportar tard. Sal-lum, għadhom pendenti żewġ proċeduri ta' ksur biss.

Artikolu 11(3)) u miżuri supplimentari (l-Artikolu 11(4)), kif ukoll miżuri addizzjonali (l-Artikolu 11(5)), kif meħtieġ.

L-Istati Membri ntalbu jirrapportaw dwar il-progress fl-implimentazzjoni tat-"tipi ewlenin ta' miżuri" definiti tagħhom (KTMs). Il-KTMs huma miżuri tipiċi meħuda sabiex jitnaqqsu l-pressjonijiet bħat-tneħħija tal-ostakli mix-xmajjar, it-titjib tal-impjanti għat-trattament tal-ilma mormi, it-tneħħija gradwali ta' sustanzi prijoritarji, eċċ[10].

Din il-valutazzjoni tal-PoM tirrifletti s-sitwazzjoni kif irrapportata fil-bażi tad-*data* WISE. Kull fejn ikun possibbli, saret analiżi separata għall-miżuri bażiċi skont l-Artikolu 11(3) tad-WFD u għall-miżuri supplimentari u addizzjonali skont l-Artikoli 11(4) u 11(5) tad-WFD.

Tqabbil dirett tad-*data* fl-RBMPs u fil-PoMs tal-2018 spiss ma jkunx possibbli minħabba problemi metodoloġiċi bħal bidliet fil-miżuri, snin ta' linja bażi differenti u bidliet fil-limiti tal-korpi tal-ilma. Madankollu, l-informazzjoni pprovduta għall-2016 u għall-2018 u pproġettata għall-2021 għadha tipprovdi *data* kwantitattiva dwar il-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-PoMs. Id-*data* hija kemm jista' jkun riflessa f'dan id-dokument u fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal assoċjat.

Sitwazzjoni ġenerali

Sa nofs it-terminu taċ-ċiklu ta' bejn l-2016 u l-2021, l-implimentazzjoni tal-miżuri kienet fi triqitha fl-Istati Membri kollha, b'dewmien f'xi każijiet. Meta mqabbla mal-PoMs tal-2015, l-Istati Membri kollha rrapportaw il-KTMs u diversi[11] lestew ir-rapportar tagħhom u issa jkopru l-RBDs kollha tagħhom. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri għamlu xi progress fl-identifikazzjoni tad-distakk għal status tajjeb għal kull pressjoni sinifikanti, u l-livell ta' implimentazzjoni tal-miżuri meħtieġa sabiex jinkiseb status tajjeb. Għal dawk l-Istati Membri (18) li rrapportaw *data* li tippermetti analiżi u tqabbil aktar fil-fond, jista' jiġi nnotat li bejn 70 u 100 % tal-objettivi ntlaħqu għall-RBDs fi tlieta[12] minnhom, filwaqt li f'erba' oħra[13], bejn 30 u 80 % tal-indikaturi jindikaw bidla lejn l-objettiv li jitnaqqas id-distakk. Fi Stat Membru ieħor[14], l-objettivi ntlaħqu f'16 minn 25 RBD. Dan huwa titjib inkoraġġanti li se jippermetti identifikazzjoni u prijoritizzazzjoni aħjar tal-miżuri.

Għall-Istati Membri li identifikaw pressjonijiet oħrajn minbarra dawk sinifikanti, hemm fis-seħħ miżuri sabiex dawn jiġu indirizzati, id-distakk għal status tajjeb ġie b'mod ġenerali identifikat, u ġew żviluppati indikaturi sabiex jiġi identifikat il-livell ta' implimentazzjoni meħtieġ sabiex jinkiseb status tajjeb.

[10] Il-Lista ta' KTMs fil-Gwida għar-Rapportar tad-WFD 2022, paġna 387
[11] Id-Danimarka, il-Greċja, il-Kroazja u s-Slovenja
[12] L-Estonja, il-Latvja, Malta
[13] L-Awstrija, ir-Repubblika Ċeka, Franza u l-Portugall
[14] Spanja

Stat Membru	RBD	Tlestew il-miżuri kollha	Tlestew il-miżuri ppjanati kollha	Tlestew xi miżuri	Tlestew xi miżuri ppjanati	Ma tlestiet l-ebda miżura
AT	3			3		
BE	8	1		5	1	1
BG	4			1	3	
CY	1			1		
CZ	3			3		
DE	10			10		
DK	4				4	
EE	3			3		
EL	14			14		
ES	25			25		
FI	8		8			
FR	14			7	7	
HR	2			2		
HU	1		1			
IE	3			3		
IT	8		1	3	4	
LT	4				4	
LU	2			2		
LV	4				4	
MT	1			1		
NL	4			4		
PL	10				10	
PT	10			9	1	
RO	1			1		
SE	5				5	
SI	2			2		
SK	2			2		


Tabella 1: L-istatus u l-progress mit-tieni RBMPs għall-RBDs..

L-Istati Membri rrapportaw ukoll l-ostakli li ltaqgħu magħhom fl-implimentazzjoni tal-PoMs tagħhom. Kif stabbilit fit-Tabella 2 ta' hawn taħt, in-nuqqas ta' finanzjament, dewmien, u governanza huma l-aktar impedimenti sinifikanti.

		Ostakli							
Stat Membru	RBD	Governanza	Dewmien	Nuqqas ta' finanzjament	Nuqqas ta' mekkaniżmu	Nuqqas ta' miżuri	Mhux kosteffettiv	Avvenimenti estremi	Oħrajn
AT	3								
BE	8		3	3	2				2
BG	4		4		1	1			
CY	1								
CZ	3	3	3	3	3		3	3	
DE	10		10	4	10	9	7	4	10
DK	4		4						4
EE	3		3	3	3				
EL	14		14						
ES	25	25	25	25	25				
FI	8			8	8				
FR	14	14	14	14	14				14
HR	2		2	2	2				
HU	1	1	1	1	1	1		1	1
IE	3	3		3			3		3
IT	8	5	5	8	7	1	2	6	
LT	4								
LU	2							1	2
LV	4			4				4	
MT	1		1						
NL	4		4	4			4		4
PL	10	3	3	3	3	4	4	2	5
PT	10		8	9			8	8	
RO	1		1	1	1		1		1
SE	5				5				
SI	2			2					
SK	2		2	2			2		2

Tabella 2: Ostakli għall-implimentazzjoni tal-PoMs skont l-RBDs

It-Tabella 3 ta' hawn taħt tiġbor fil-qosor ix-xejriet mistennija fil-kisba tal-objettivi għal pressjonijiet differenti u KTMs rilevanti, kif previst minn kull Stat Membru f'nofs it-terminu għat-tieni nofs taċ-ċiklu (bejn l-2018 u l-2021). Xejra 'l fuq tindika tbegħid mill-objettivi tal-leġiżlazzjoni, xejra 'l isfel tindika li d-distakk lejn l-objettiv qiegħed jonqos.



**Tniġġis minn żoni urbani, mit-trasport u mill-infrastruttura mibnija*

Tabella 3: Progress mistenni rrapportat dwar il-KTMs bejn l-2018 u l-2021

3.1 Trattament tat-Tniġġis

Bil-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-ġlieda kontra t-tniġġis ħadet il-post ċentrali. L-ambizzjoni ta' tniġġis żero ġiet tradotta fi Pjan ta' Azzjoni komprensiv ta' Tniġġis Żero[15] u fl-Istrateġija sostenibbli dwar is-Sustanzi Kimiċi[16]. L-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt[17] " (li tiffoka fost l-oħrajn fuq it-tnaqqis tat-telf tan-nutrijenti u tal-pestiċidi u ż-żieda tal-agrikoltura organika) u l-Istrateġija Farmaċewtika[18] (li fost l-oħrajn għandha l-għan li tnaqqas il-preżenza tal-antibijotiċi fl-ambjent) se jagħmluha possibbli wkoll li jitħaffef it-tnaqqis tat-tniġġis tal-ilma.

Tniġġis mill-agrikoltura

L-agrikoltura hija rrapportata bħala wieħed mill-fatturi ewlenin għan-nuqqas ta' kisba ta' status tajjeb fil-korpi tal-ilma tal-UE. Dan jista' jikkawża tniġġis diffuż min-nitrati u mill-pestiċidi fl-ilma tal-wiċċ u ta' taħt l-art.[19] Minbarra t-tniġġis diffuż, l-astrazzjoni tal-ilma għall-agrikoltura hija wkoll pressjoni kbira li tikkawża nuqqas ta' status kwantitattiv tajjeb tal-korpi tal-ilma ta' taħt l-art.

B'mod partikolari, l-Istati Membri qed jaħdmu fuq miżuri sabiex jitnaqqas it-tniġġis tan-nutrijenti mill-agrikoltura (KTM 2), jitnaqqas it-tniġġis tal-pestiċidi mill-agrikoltura (KTM 3) u jiġu implimentati servizzi konsultattivi agrikoli (KTM 12). Ir-rapportar juri wkoll li l-Istati Membri kollha għandhom regoli ġenerali dwar l-iskariki mill-agrikoltura.

Għaxar Stati Membri japplikaw dawk ir-regoli fit-territorju kollu filwaqt li l-oħrajn japplikaw regoli differenti skont l-RBD jew, f'żewġ każijiet, f'żoni vulnerabbli għan-nitrati biss. Sa fejn l-Istati Membri rrapportaw, l-istampa hija pjuttost pożittiva għal KTM 2 b'distakki fl-indikaturi jonqsu li jfisser li l-miżuri huma effettivi sabiex itejbu l-istatus u jnaqqsu d-distakk għal status tajjeb, segwita minn l-ebda xejra evidenti li jfisser li l-pressjonijiet ma humiex effettivi sabiex itejbu l-istat tal-ilma u li f'dawn il-każijiet hemm bżonn ta' sforz akbar. Għal KTM 3 u għal KTM 12 l-istampa hija mħallta, b'ħafna Stati Membri ma jirrapportawx jew ma jimmappjawx dawn il-KTMs. Meta jiġu mmappjati, dan juri l-maġġoranza tad-distakki fl-indikaturi jonqsu iżda ma hemm bżonn l-ebda xejra evidenti rrapportata minn għadd sostanzjali ta' Stati Membri, li jfisser li l-pressjonijiet skont dawn il-KTMs ma humiex effettivi sabiex itejbu l-istat tal-ilma u hemm bżonn ta' sforz akbar f'dawn il-każijiet.

Il-miżuri tal-Istati Membri fil-kuntest tal-PoMs tagħhom jinkludu miżuri li jirriżultaw mid-Direttiva dwar in-Nitrati[20], li l-aktar rapport ta' implimentazzjoni riċenti[21] tagħha jirrakkomanda miżuri msaħħa f'żoni mniġġsa, u miżuri fil-pjanijiet strateġiċi l-ġodda tal-Politika Agrikola Komuni (PAK), li għandhom jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2022. Ir-rapport riċenti tal-Qorti tal-Awdituri analizza sa liema punt il-

[15] https://ec.europa.eu/environment/strategy/zero-pollution-action-plan_mt
[16] https://ec.europa.eu/environment/strategy/chemicals-strategy_mt
[17] EUR-Lex - 52020DC0381 - MT - EUR-Lex (europa.eu)
[18] https://ec.europa.eu/health/human-use/strategy_mt
[19] Valutazzjoni tal-ilma tal-EEA 2018 — L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (europa.eu)
[20] Id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli, ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1
[21] EUR-Lex - 52021DC1000 - MT - EUR-Lex (europa.eu)

PAK u l-politika tal-UE dwar l-ilma jippromwovu l-użu sostenibbli tal-ilma fl-agrikoltura[22]. Il-fehma tal-Kummissjoni hija li l-PAK tikkontribwixxi għal dan l-objettiv permezz ta' diversi strumenti u miżuri. Il-PAK il-ġdida tipprovdi opportunità importanti sabiex tiżdied l-ambizzjoni u sabiex jiġu ffinanzjati miżuri addizzjonali li huma ta' benefiċċju għall-ġestjoni sostenibbli tal-ilma fl-agrikoltura permezz tal-iskemi ekoloġiċi l-ġodda fil-pilastru I u l-programm ta' żvilupp rurali fil-pilastru II. Il-PAK il-ġdida tiffoka fuq disa' objettivi speċifiċi definiti fl-Artikolu 6 tal-proposta tal-Kummissjoni[23], bi tliet objettivi ta' benefiċċju għall-ambjent[24]. Meta l-Istati Membri jkunu qed jiżviluppaw il-Pjanijiet tagħhom, dawn iridu jikkontribwixxu għal dawn l-objettivi speċifiċi. Hemm ukoll rekwiżit li jsir kontribut għall-miri tal-Patt Ekoloġiku inkluża l-mira Mill-Għalqa sal-Platt li jitnaqqas it-telf tan-nutrijenti b'50 % u li jitnaqqas l-użu u r-riskju ġenerali tal-pestiċidi kimiċi b'50 % u dawn huma deskritti fost l-oħrajn fir-rakkomandazzjonijiet tal-PAK[25] mibgħuta lill-Istati Membri.

It-tniġġis mill-unitajiet domestiċi u mill-industrija

Ir-rapportar juri xejra pożittiva, b'mod partikolari dwar miżuri relatati mal-kostruzzjoni jew mat-titjib ta' impjanti għat-trattament tal-ilma mormi (KTM 1)[26], it-tneħħija gradwali ta' sustanzi prijoritarji/perikoluži ta' prijorità (KTM 15) u l-aġġornamenti jew it-titjib ta' impjanti industrijali għat-trattament tal-ilma mormi (KTM 16). Kważi l-Istati Membri kollha għandhom reġim ta' awtorizzazzjoni u/jew ta' permess sabiex jikkontrollaw l-iskariki minn sorsi lokalizzati ta' ilma mormi, li japplika kemm għall-ilma ta' taħt l-art kif ukoll għall-ilma tal-wiċċ. Madankollu, mill-anqas nofs l-Istati Membri għadhom jippermettu skariki żgħar, għalkemm f'xi każijiet ir-reġistrazzjoni ta' tali skariki hija meħtieġa. Kważi mingħajr eċċezzjoni, l-Istati Membri ħadu miżuri sabiex jeliminaw it-tniġġis li jilħaq l-ilmijiet tal-wiċċ.

Ir-reviżjoni ppjanata tad-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi[27] (proposta tal-Kummissjoni fl-2022) jenħtieġ li tkompli tnaqqas l-inkwinanti fl-ilma tal-wiċċ u fl-ilma ta' taħt l-art Ewropew, kemm billi żżid il-volum ta' ilma mormi kopert mid-Direttiva, kif ukoll billi tiżgura li aktar ilma mormi jiġi ttrattat b'teknoloġija ta' trattament avvanzata. L-approċċ

---

[22] Ir-Rapport Speċjali 20/2021: L-użu sostenibbli tal-ilma fl-agrikoltura: Huwa aktar probabbli li l-fondi tal-PAK jippromwovu użu akbar tal-ilma milli użu aktar effiċjenti, Settembru tal-2021 https://www.eca.europa.eu/en/Pages/DocItem.aspx?did=59355
Il-Kummissjoni tqis li l-PAK ikkontribwiet għall-objettivi tad-WFD permezz ta' diversi mekkaniżmi; b'mod partikolari l-kundizzjonalità, il-pagament għall-prattiki agrikoli ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent u għall-ekoloġizzazzjoni, il-pagamenti lill-benefiċjarji għall-kostijiet u l-introjtu mitluf li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tad-WFD u l-appoġġ u l-investimenti għall-iżvilupp rurali.

[23] Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li jridu jitfasslu mill-Istati Membri taħt il-Politika Agrikola Komuni (il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), COM/2018/392 final

[24] **SO4** – tikkontribwixxi għall-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima, inkluż billi jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u jittejjeb is-sekwestru tal-karbonju, kif ukoll il-promozzjoni tal-enerġija sostenibbli; **SO5** – trawwem l-iżvilupp sostenibbli u l-ġestjoni effiċjenti tar-riżorsi naturali bħall-ilma, il-ħamrija u l-arja, inkluż billi titnaqqas id-dipendenza fuq sustanzi kimiċi; **SO6** – tikkontribwixxi għat-twaqqif u għat-treġġigħ lura tat-telfien tal-bijodiversità, it-titjib tas-servizzi tal-ekosistema u l-preservazzjoni tal-ħabitats u tal-pajsaġġi.

[25] Pjan Strateġiku tal-PAK | Il-Kummissjoni Ewropea (europa.eu)

[26] 18-il Stat Membru qed jirrapportaw li jagħmlu progress tajjeb lejn it-tnaqqis tad-distakki tagħhom.

[27] Id-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE tal-21 ta' Mejju 1991 dwar it-trattament tal-ilma urban mormi, ĠU L 135, 30.5.1991, p. 40

il-ġdid tad-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb se [28] jagħti spinta lill-interazzjonijiet bejn l-operaturi tal-ilma u dawk responsabbli mill-implimentazzjoni tad-WFD.

Bl-istess mod, ir-reviżjoni ppjanata tad-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali[29] (proposta tal-Kummissjoni fl-2022) jenħtieġ li ttejjeb il-konformità mal-istandards tal-kwalità tal-ilma kemm fil-każ ta' skariki diretti kif ukoll indiretti, u tenfasizza l-ħtieġa għal sistema ta' ġestjoni ambjentali sabiex tindirizza l-użu mill-ġdid tal-ilma u l-effiċjenza fir-riżorsi.

Sustanzi Prijoritarji ġodda

Saret valutazzjoni separata tal-istatus attwali fir-rigward tal-monitoraġġ u l-miżuri tas-sustanzi l-ġodda fl-EQSD tal-2013. Skont id-Direttiva dwar l-EQS tal-2013, 12-il sustanza addizzjonali[30] jenħtieġ li jiġu mmonitorjati mill-Istati Membri kollha.

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri diġà qed jimmonitorjaw it-12-il sustanza li żdiedu fl-2013. Erba' Stati Membri[31] rrapportaw l-istatus kimiku tas-sustanzi kollha mmonitorjati u ddefinew KTMs għas-sustanzi kollha li ma jgħaddux. 11-il Stat Membru ieħor koprew il-biċċa l-kbira tas-sustanzi mmonitorjati u ddefinew KTMs għas-sustanzi kollha li ma jgħaddux. Fir-rigward tal-Istati Membri l-oħrajn, l-informazzjoni ma kinitx kompluta, b'RBDs u/jew sustanzi neqsin. Xi drabi s-sustanzi ġew immonitorjati f'matriċi differenti minn dik deskritta fid-Direttiva dwar l-EQS. Spiss ma ġiet ipprovduta l-ebda informazzjoni dwar id-derivazzjoni għal dawn is-sustanzi f'din il-matriċi.

Fl-2022, il-Kummissjoni se tipproponi reviżjoni tal-lista ta' sustanzi fl-ilma tal-wiċċ u fl-ilma ta' taħt l-art. Dan potenzjalment se jżid aktar pestiċidi, farmaċewtiċi u sustanzi kimiċi industrijali mal-lista ta' sustanzi li għalihom l-emissjonijiet fl-ilma jridu jitnaqqsu jew jitneħħew gradwalment.

3.2 It-Titjib tal-Effiċjenza fl-Użu tal-Ilma

Bħala parti mill-Patt Ekoloġiku, l-effiċjenza fl-użu tal-ilma issa hija parti solida mill-aġenda politika tal-UE. Il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari[32] enfasizza r-rwol futur tar-Regolament dwar ir-rekwiżiti minimi għall-użu mill-ġdid tal-ilma[33], li se jiffaċilita provvista alternattiva tal-ilma għat-tisqija, bħala parti mill-ġestjoni integrata tal-ilma. Il-pjan ta' azzjoni ħabbar ukoll li l-Kummissjoni se tiffaċilita l-effiċjenza fl-użu tal-ilma fil-proċessi industrijali (eż. billi tirrevedi d-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali). L-Istrateġija tal-UE tal-2021

[28] Id-Direttiva (UE) 2020/2184 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, ĠU L 435, 23.12.2020, p. 1
[29] Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis), ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17
[30] Sustanzi miżjuda fl-2013: Dikofol, aċidu sulfoniku tal-perfluworoottan u d-derivattivi tiegħu, kinossifen, diossini u komposti simili tad-diossini, aklonifen, bifenoks, ċibutrina, ċipermetrina, diklorvos, eżabromoċiklododekani, ettaklor u epossidu tal-ettaklor, terbutrin.
[31] Il-Kroazja, l-Estonja, is-Slovakkja u l-Iżvezja
[32] https://ec.europa.eu/environment/strategy/circular-economy-action-plan_en
[33] Ir-Regolament (UE) 2020/741 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 2020 dwar ir-rekwiżiti minimi għall-użu mill-ġdid tal-ilma, ĠU L 177, 5.6.2020, p. 32

dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima[34] tappella għas-salvagwardja tal-aċċess għall-ilma ħelu u għal aktar effiċjenza fl-użu tal-ilma fis-setturi kollha u ħabbret li l-Kummissjoni se tgħin sabiex jitnaqqas l-użu tal-ilma billi żżid ir-rekwiżiti tal-iffrankar tal-ilma għall-prodotti. Jeħtieġ li tiġi appoġġata t-tranżizzjoni għat-teknoloġiji u l-prattiki tal-iffrankar tal-ilma bi strumenti ekonomiċi rilevanti.


Permezz tad-Direttiva riveduta dwar l-Ilma tax-Xorb (l-Artikolu 4(3)), l-Istati Membri se jkollhom jieħdu miżuri sabiex jindirizzaw ir-rati għoljin ta' tnixxija li bħalissa huma realtà. L-inizjattivi Mewġa ta' Rinnovazzjoni u l-Bauhaus Ewropew[35] huma relatati mal-effiċjenza fl-użu tal-ilma fis-settur tal-bini. Barra minn hekk, l-Istrateġija għall-Bijodiversità għall-2030[36] tistieden lill-awtoritajiet tal-Istati Membri jeżaminaw mill-ġdid il-permessi tal-astrazzjoni tal-ilma u tal-lagunaġġ sabiex jimplimentaw il-flussi ekoloġiċi. L-għan huwa li jinkiseb status jew potenzjal tajjeb tal-ilmijiet tal-wiċċ kollha u status tajjeb tal-ilma ta' taħt l-art kollu sa mhux aktar tard mill-2027.

L-*effiċjenza fl-użu tal-ilma* kienet, u għadha, prijorità għolja għall-Istati Membri. Aktar minn nofshom ħadu miżuri fiċ-ċiklu preċedenti (mill-2010 u sal-2015) u se jkomplu jagħmlu dan fil-futur. Grupp ieħor ta' 10 ħa miżuri fiċ-ċiklu preċedenti iżda ma rrapporta l-ebda pjan addizzjonali għal miżuri fil-futur.

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri rrapportaw astrazzjoni u devjazzjoni tal-fluss bħala pressjonijiet ewlenin. L-aktar miżuri rilevanti assoċjati mat-tnaqqis tal-pressjonijiet u l-impatti li jinħolqu mill-astrazzjonijiet huma t-titjib fir-reġim tal-fluss u/jew l-istabbiliment ta' fluss ekoloġiku minimu (KTM 7, irrapportat fit-taqsima dwar l-idromorfoloġija) u miżuri sabiex jiġu indirizzati l-effiċjenza fl-użu tal-ilma, miżuri tekniċi għat-tisqija, l-industrija, l-enerġija u l-unitajiet domestiċi (KTM 8). Miżuri kwantitattivi bħal dawn ġew irrapportati minn kważi nofs l-Istati Membri. Barra minn hekk, b'antiċipazzjoni tar-Regolament il-ġdid dwar ir-rekwiżiti minimi għall-użu mill-ġdid tal-ilma, 11-il Stat Membru inkludew l-użu mill-ġdid tal-ilma fil-PoMs bħala miżura għall-ġestjoni tar-riżorsi tal-ilma.


Wieħed jista' jara progress sinifikanti fil-miżuri bażiċi li jindirizzaw l-*astrazzjoni tal-ilma*. Ir-rapportar tal-Istati Membri dwar l-astrazzjoni juri li kważi kollha kemm huma għandhom reġim ta' permess jew reġistru sabiex jikkontrollaw l-astrazzjonijiet tal-ilma ta' taħt l-art u tal-ilma tal-wiċċ (ara l-Illustrazzjoni 1). Bl-istess mod, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri għandhom reġim ta' konċessjoni, ta' awtorizzazzjoni u/jew ta' permess sabiex jikkontrollaw il-lagunaġġ tal-ilma, u/jew reġistru ta' lagunaġġi. Madankollu, madwar nofshom irrapportaw li astrazzjonijiet żgħar huma eżentati mill-kontrolli.

[34] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52021DC0082&from=MT
[35] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?qid=1603122220757&uri=CELEX:52020DC0662; https://europa.eu/new-european-bauhaus/index_mt
[36] https://ec.europa.eu/environment/strategy/biodiversity-strategy-2030_mt



Illustrazzjoni 1: Permess jew reġistru għall-kontroll tal-astrazzjonijiet tal-ilma

Fir-rigward tal-awtorizzazzjoni għall-irriċarġjar artifiċjali jew għat-tisħiħ tal-korpi tal-ilma ta' taħt l-art (ara l-Illustrazzjoni 2), il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jew ħadu miżuri, wettqu tali miżuri fiċ-ċiklu preċedenti, jew ippjanawhom fiċ-ċiklu attwali. Dan se jippermettilhom jittrattaw aħjar l-iskarsezza tal-ilma u t-tniġġis.



Illustrazzjoni 2: Awtorizzazzjoni għall-irriċarġjar artifiċjali jew għat-tisħiħ tal-korpi tal-ilma ta' taħt l-art

3.3 Adattament għat-tibdil fil-klima

Bl-impatt dejjem akbar tat-tibdil fil-klima, il-pressjonijiet fuq id-disponibbiltà ta' ilma ħelu nadif fi kwantità suffiċjenti huma mistennija li jiżdiedu[37], u għalhekk huma meħtieġa miżuri adegwati sabiex jiġu żgurati l-objettivi tad-WFD. Skont ir-rapportar dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima (KTM 24), sitt Stati Membri biss irrapportaw azzjonijiet għall-ilma tal-wiċċ, u erba' rrapportaw azzjonijiet għall-ilma ta' taħt l-art. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri rrapportaw tniġġis diffuż, astrazzjoni jew devjazzjoni tal-fluss, tibdil fiżiku u digi, ostakli u


[37] https://www.eea.europa.eu/highlights/water-stress-is-a-major

locks bħala l-pressjonijiet ewlenin. Tipi ta' pressjoni importanti oħrajn irrapportati huma sorsi lokalizzati.

3.4 L-indirizzar tal-pressjonijiet idromorfoloġiċi

It-tibdil idromorfoloġiku jibqa' l-akbar tip ta' pressjoni unika fuq il-korpi tal-ilma. Permezz tal-Patt Ekoloġiku, u b'mod partikolari l-Istrateġija għall-bijodiversità għall-2030 u l-Istrateġija għal Mobilità Intelliġenti u Sostenibbli[38], inħolqu aktar opportunitajiet sabiex jiġu indirizzati pressjonijiet idromorfoloġiċi bħal digi, digi sommerġibbli, il-livelli mibdula tal-ilma ta' taħt l-art eċċ. Il-mira ta' aspirazzjoni tal-Bijodiversità ta' 25 000 km fi xmajjar bi fluss liberu fl-Ewropa tenfasizza l-importanza li x-xmajjar jerġgħu jingħaqdu b'mod laterali u longitudinali għar-riintegrazzjoni sħiħa tal-ekosistemi.

Id-WFD (l-Artikolu 11(3)(i)) tirrikjedi li l-Istati Membri jiżguraw *kontrolli fuq il-kundizzjonijiet idromorfoloġiċi* tal-korpi tal-ilma li jistgħu jieħdu l-forma ta' rekwiżit għall-għoti ta' awtorizzazzjoni jew reġistrazzjoni minn qabel. L-informazzjoni rrapportata u ppreżentata hawn taħt tindika liema Stati Membri għandhom reġimi ta' permess sabiex jikkontrollaw il-modifiki fiżiċi għall-korpi tal-ilma.



Illustrazzjoni 3: Permessi għall-kontroll ta' modifiki fiżiċi għall-korpi tal-ilma.

[38] https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12438-Sustainable-and-Smart-Mobility-Strategy_mt

Kważi l-Istati Membri kollha għandhom reġimi ta' permess sabiex jikkontrollaw modifiki fiżiċi għall-korpi tal-ilma. Fost dawn, kważi kollha jkopru żoni riparji. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri għandhom reġistru ta' modifiki fiżiċi.

L-aktar miżuri rilevanti f'dan il-kuntest huma t-titjib tal-kontinwità longitudinali (KTM 5), it-titjib idromorfoloġiku ieħor lil hinn mill-kontinwità longitudinali (KTM 6), it-titjib fir-reġim tal-fluss u l-fluss ekoloġiku (KTM 7) u l-miżuri ta' żamma tal-ilma naturali (KTM 23).

Ġew irrapportati miżuri sabiex tittejjeb il-kontinwità longitudinali (KTM 5) għall-ilmijiet tal-wiċċ f'20 Stat Membru. Il-biċċa l-kbira rrapportaw id-digi, l-ostakli u l-locks bħala l-pressjoni ewlenija assoċjata ma' dawn il-miżuri.

Seba' Stati Membri[39] jistennew progress fl-istabbiliment ta' kontinwità longitudinali bbażata fuq miżuri ppjanati li għandhom jiġu implimentati bejn l-2018 u l-2021. Barra minn hekk, sa dak iż-żmien żewġ Stati Membri[40] huma mistennija li jkunu laħqu l-objettivi.

Ġew irrapportati miżuri għat-titjib tal-idromorfoloġija għajr il-kontinwità longitudinali (KTM 6) għall-ilmijiet tal-wiċċ fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, u għall-ilma ta' taħt l-art f'erba' minnhom. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, dawn il-miżuri qed jippjanaw li jindirizzaw il-pressjonijiet relatati mat-tibdil fiżiku tal-kanal, tal-qiegħ, taż-żona riparja u/jew tax-xatt.

L-Istati Membri huma mitluba li l-ewwel ifasslu objettivi ta' fluss ekoloġiku (prerekwiżit sabiex jintlaħaq status tajjeb fix-xmajjar) fil-korpi tal-ilma tagħhom, u mbagħad jimplimentaw il-miżuri kollha meħtieġa sabiex jilħqu dawn l-objettivi (miġbura f'KTM 7), li jinkludu t-tnaqqis tal-astrazzjoni jew ir-rilaxx ta' biżżejjed ilma għall-ilmijiet downstream meta jkunu qed joperaw id-digi.

Fit-tieni RBMPs, il-flussi ekoloġiċi ġew irrapportati li huma derivati u implimentati għall-korpi rilevanti kollha tal-ilma fi ftit Stati Membri biss. Il-biċċa l-kbira rrapportaw li kienet ippjanata ħidma sabiex jiġi indirizzat dan id-distakk f'dan iċ-ċiklu.

L-informazzjoni sussegwentement irrapportata għar-rapportar tal-PoM fl-2018 turi li seba' Stati Membri kisbu objettivi ta' flussi ekoloġiċi fil-korpi tal-ilma kollha jew f'xi whud minnhom. Dan huwa simili għal dak li ġie rrapportat fl-2016, li jindika li ma hemm l-ebda progress evidenti. Għall-oħrajn, il-ħidma għadha għaddejja, iżda l-indikaturi rrapportati ma jippermettux li jiġi vvalutat il-progress dettaljat.

F'termini ta' miżuri implimentati sabiex jintlaħaq il-fluss ekoloġiku, 20 Stat Membru rrapportaw dwar il-KTM7 għall-ilma tal-wiċċ, filwaqt li ħamsa biss irrapportaw dwar il-KTM 7 għall-ilma ta' taħt l-art.

[39] L-Awstrija, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Polonja, ir-Rumanija u l-Iżvezja
[40] Ċipru u l-Latvja

4. It-tieni valutazzjonijiet preliminari tar-riskju ta' għargħar

Issa huwa stabbilit bis-sħiħ qafas għall-ġestjoni tar-riskju tal-għargħar fl-UE kif tixhed evalwazzjoni tal-Kummissjoni ppubblikata fl-2019[41].

Ukoll għat-tieni ċiklu ta' implimentazzjoni (mill-2016 sal-2021), l-ewwel pass skont id-Direttiva dwar l-Għargħar kien it-tħejjija ta' valutazzjonijiet preliminari tar-riskju ta' għargħar (PFRAs) u l-identifikazzjoni ta' żoni ta' riskji sinifikanti potenzjali ta' għargħar (APSFRs), sa tmiem l-2018. Il-valutazzjonijiet preliminari huma bbażati l-aktar fuq informazzjoni disponibbli dwar l-għargħar tal-passat u fuq previżjonijiet ta' għargħar futur potenzjali.

Il-Kummissjoni vvalutat it-tieni ċiklu tal-PFRAs tal-Istati Membri.[42] Miċ-ċiklu preċedenti, nofshom tejbu l-ġbir tad-*data* u/jew il-metodoloġiji sabiex iwettqu valutazzjonijiet preliminari tar-riskju ta' għargħar. Fi 12-il Stat Membru, il-kriterji għall-identifikazzjoni ta' għargħar futur sinifikanti ġew aġġornati abbażi tal-metodoloġiji attwali. Għalkemm id-diskors dwar l-għargħar fiż-żoni urbani u ż-żieda fil-livell tal-baħar intensifika, għadu l-għargħar tax-xmajjar dak li jiġi rreġistrat l-aktar ta' spiss (żewġ terzi tat-total) bħala sors ta' għargħar sinifikanti fl-UE. Għall-biċċa l-kbira tal-Istati Membri hemm xi evidenza jew evidenza qawwija li qed jiġu kkunsidrati l-konsegwenzi tal-għargħar futur fuq is-saħħa tal-bniedem, l-ambjent, il-wirt kulturali u l-attività ekonomika. Jidher li l-attenzjoni għall-ambjent u għall-wirt kulturali żdiedet mill-ewwel ċiklu minħabba li l-perċentwal ta' żoni ta' riskju sinifikanti potenzjali ta' għargħar, fejn ma nstabx li l-ambjent u l-wirt kulturali kienu rilevanti, naqas b'madwar 10 punti perċentwali. Is-sitwazzjoni madwar ir-reġistrazzjoni tal-impatti mill-għargħar hija aktar ċara meta mqabbla mal-ewwel ċiklu bi kważi żewġ terzi tal-Istati Membri li jippreżentaw evidenza qawwija ta' metodoloġija ċara għall-valutazzjoni tal-għargħar tal-passat. Madankollu, f'60 % tal-baċiri tax-xmajjar fl-UE ma hemm l-ebda *data* dwar il-kostijiet mill-ħsarat tal-għargħar. Għalhekk hemm lok għal titjib peress li l-ġbir ta' tali *data* jgħin fil-kalkolu tal-kostijiet u tal-benefiċċji u fil-prijoritizzazzjoni tal-miżuri. L-iżviluppi fit-tul (soċjoekonomiċi, infrastrutturali, użu tal-art) ġew ikkunsidrati fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri iżda bi gradi differenti ta' rigorożità. Hemm ukoll evidenza li l-Istati Membri kollha qiesu t-tibdil fil-klima fil-valutazzjonijiet preliminari tagħhom; dan huwa titjib fuq l-ewwel ċiklu fejn sitta ma kinux qiesu t-tibdil fil-klima u l-każ ma kienx ċar għal ħamsa oħra.

5. Kost u finanzjament

It-Tabella 2 fit-Taqsima 3 turi li ż-żewġ impedimenti ewlenin għall-implimentazzjoni f'waqtha rrapportati mill-Istati Membri huma nuqqas ta' finanzjament u dewmien imġarrab matul l-implimentazzjoni tal-proġetti.

[41] Sabiex tikkonferma dan, il-Kummissjoni Ewropea wettqet evalwazzjoni tad-Direttiva dwar l-Għargħar u ppubblikat is-sejbiet tagħha fl-2019 https://ec.europa.eu/environment/water/fitness_check_of_the_eu_water_legislation/index_en.htm

[42] Għall-ewwel ċiklu (mill-2010 sal-2015) ara https://ec.europa.eu/environment/water/flood_risk/overview.htm

Filwaqt li r-rapportar tal-Istati Membri dwar il-kostijiet u l-finanzjament tal-PoMs jidher ġeneralment mhux uniformi, studju ta' konsulent jistma[43] li l-miżuri stabbiliti fit-totalità tat-tieni RBMPs jirrikjedu investimenti ta' mill-anqas EUR 142 biljun. Din hija sottovalutazzjoni għall-kostijiet totali, peress li hemm distakki sinifikanti fid-*data* u teskludi l-kostijiet operazzjonali u tal-manutenzjoni tal-infrastruttura. Għall-FRMPs, l-istess sors jistma total ta' EUR 14-il biljun, għal darb'oħra aktarx sottovalutazzjoni. L-Istati Membri qed jużaw firxa ta' sorsi ta' finanzjament, b'mod partikolari t-tariffi tal-ilma u tas-sanità, fondi tal-UE u fondi pubbliċi nazzjonali u sa ċertu punt imposti fuq l-astrazzjoni u t-tniġġis. B'mod ġenerali, huma jagħmlu anqas użu mill-investiment privat (kontribuzzjonijiet) u mill-forom aktar innovattivi ta' finanzjament bħall-pagamenti għall-iskemi tas-servizzi tal-ekosistema (PES).

Dwar il-kapaċità finanzjarja tas-settur tal-ilma, l-istudju msemmi hawn fuq sab li madwar nofs l-Istati Membri għandhom rata ta' rkupru tal-kost finanzjarju ta' aktar minn 90 %. L-OECD[44] irrapportat li għall-UE kollha kemm hi, l-utenti jħallsu madwar 70 % tal-kost finanzjarju tal-forniment tas-servizzi tal-ilma (permezz tat-tariffi tal-ilma), filwaqt li s-settur tal-gvern jiffinanzja t-30 % li jifdal. Iż-żewġ rapporti jindikaw differenzi kbar kemm fl-Istati Membri kif ukoll fis-setturi wiesgħa tal-unitajiet domestiċi, tal-agrikoltura u tal-industrija.

Barra minn hekk, l-irkupru tal-kost ambjentali u tal-kostijiet tar-riżorsi jidher li huwa anqas ta' suċċess. Ir-rapport riċenti tal-Qorti tal-Awdituri[45] jindika l-isfidi relatati mal-kostijiet tat-tniġġis. B'mod partikolari, dan jinnota li huwa diffiċli li jiġu rkuprati ż-żidiet fil-kostijiet tas-servizzi tal-ilma minħabba t-tniġġis li joriġina minn sorsi diffużi. Applikazzjoni usa' u aħjar tal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas tipprovdi aktar inċentivi għan-niġġiesa sabiex inaqqsu u jevitaw it-tniġġis, anke permezz tal-investimenti ambjentali tagħhom stess. Meta wieħed iqis in-numru kbir ta' korpi tal-ilma li ma jinsabux fi stat kwantitattiv tajjeb[46], il-potenzjal li l-prezzijiet tal-ilma jirriflettu aħjar l-iskarsezza reali tal-ilma ma jidhirx li huwa apprezzat bis-sħiħ; hemm bżonn ukoll ta' investimenti sostnuti fl-effiċjenza fl-użu tal-ilma. Dawn l-isforzi fuq l-inċentivi u l-effiċjenza jikkontribwixxu għad-determinazzjoni tal-ammont ta' investimenti kapitali meħtieġa għal ġestjoni sostenibbli effiċjenti ta' riżorsi tal-ilma dejjem aktar skarsi.

6. Konklużjonijiet

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri għamlu xi progress fl-identifikazzjoni tad-distakk għal status tajjeb għal kull pressjoni sinifikanti, u l-livell ta' implimentazzjoni tal-miżuri meħtieġa sabiex jinkiseb status tajjeb tal-korpi tal-ilma. Dan huwa titjib inkoraġġanti li se jippermetti identifikazzjoni u prijoritizzazzjoni aħjar tal-miżuri. Jista' jiġi identifikat progress sinifikanti fil-miżuri ta' implimentazzjoni b'mod partikolari fir-rigward tal-indirizzar tat-tniġġis kif ukoll fl-astrazzjoni u fl-effiċjenza fl-użu tal-ilma. Huwa pożittiv li jiġi nnotat li l-Istati Membri qed jieħdu azzjoni sabiex inaqqsu d-distakk. Madankollu, huwa ċar li d-distanza li

[43] "Woods & ACTeon (2021), Economic data related to the implementation of the WFD and the FD and the financing of measures," ir-rapport li jmiss f'isem id-DĠ ambjent.
[44] OECD, Financing Water Supply, Sanitation and Flood Protection, 2020
[45] Ir-Rapport Speċjali tal-QEA 12/2021, "The Polluter Pays Principle: Inconsistent application across EU environmental policies and actions", Lulju tal-2021.
[46] Il-Ħames Rapport ta' Implimentazzjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u tad-Direttiva dwar l-Għargħar, COM (2019) 95 final

għandha tiġi koperta għall-konformità sħiħa mal-objettivi tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma għadha konsiderevoli. F'dan il-kuntest, ġew irrapportati diversi ostakli bħal li l-Istati Membri jinżammu milli jimplimentaw il-miżuri tagħhom b'mod rapidu, prinċipalment nuqqas ta' finanzjament adegwat.

Bl-impatti attwali u futuri tat-tibdil fil-klima, l-isfida tal-ġestjoni tal-kwantità tal-ilma qiegħda ssir dejjem aktar urġenti madwar l-Ewropa, li jaffettwa l-kisba tal-objettivi tal-leġiżlazzjoni dwar l-ilma. Bid-Direttiva dwar l-Għargħar, l-UE għandha qafas legali li huwa adegwat għall-użu. Madankollu, it-tnaqqis tar-riskju ta' għargħar fejn u meta huwa l-aktar importanti hija kwistjoni ta' implimentazzjoni rigoruża u konsistenti li teħtieġ attenzjoni sostnuta fuq perjodu twil u kooperazzjoni bejn il-fruntieri. L-avvenimenti drammatiċi tas-sajf tal-2021 fl-Ewropa juru li għad fadal ħafna xi jsir sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' għargħar b'mod effettiv.

L-indirizzar ta' sitwazzjoni ta' ftit wisq ilma hija kwistjoni ta' urġenza simili. Ix-xejriet mhux sostenibbli tal-użu tal-ilma madwar l-Ewropa huma aggravati mit-tibdil fil-klima, li jiġġenera livelli ogħla ta' evaporazzjoni u perjodi itwal ta' nixfiet estremi li jżidu mal-iskarsezza tal-ilma diġà eżistenti f'partijiet dejjem akbar tal-Ewropa. Aġenda multidimensjonali tar-reżiljenza tal-ilma għandha tkun parti mir-rispons, fil-kuntest tal-isfidi globali dwar il-klima, is-saħħa, il-bijodiversità u t-tniġġis.

Permezz tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, bdiet tinħoloq aġenda għar-reżiljenza tal-ilma, b'attenzjoni għall-effiċjenza fl-użu tal-ilma f'diversi rieżamijiet leġiżlattivi u fi strateġiji orizzontali bħall-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari u l-Istrateġija tal-UE għall-Adattament għat-Tibdil fil-Klima. Sar ukoll progress dwar din il-kwistjoni fil-livell settorjali, pereżempju fl-agrikoltura, fl-enerġija u fit-trasport; huwa vitali li dan jissaħħaħ aktar.

L-ipprezzar tal-ilma huwa għodda b'saħħitha sabiex tittejjeb l-effiċjenza fl-użu tal-ilma li tikkontribwixxi għal ġestjoni aktar effettiva u sostenibbli tad-domanda għall-ilma. Dan jirrikjedi disinn bir-reqqa sabiex jiġu indirizzati l-kundizzjonijiet lokali u t-tħassib soċjali (bħall-aċċess tal-unitajiet domestiċi vulnerabbli għal ilma tax-xorb affordabbli u ta' kwalità għolja, kif promoss mid-Direttiva riveduta dwar l-Ilma tax-Xorb). Dan jaħdem ukoll l-aħjar meta jkun allinjat mal-miżuri ta' politika dwar it-tnaqqis tat-tniġġis u l-appoġġ għall-innovazzjoni u l-investimenti fl-effiċjenza fl-użu tal-ilma.

L-investimenti fl-ilma huma soluzzjonijiet ta' benefiċċju għal kulħadd u jibbenefikaw minnhom l-ilma u l-bijodiversità/in-natura b'mod ġenerali, filwaqt li jipprovdu stimolu għall-irkupru u l-ħolqien tal-impjiegi. Ir-riżorsi mqiegħda għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri permezz ta' INVEST EU u l-qafas finanzjarju pluriennali jenħtieġ li għalhekk jintużaw għall-potenzjal sħiħ tagħhom. Appoġġati mir-Regolament dwar it-Tassonomija[47] għal investimenti sostenibbli, dawn jistgħu jkunu katalizzaturi għal trasformazzjoni sistemika u jgħinu fil-mobilizzazzjoni tal-isforzi minn sorsi nazzjonali u privati. Orizzont Ewropa jipprovdi

[47] Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13

opportunitajiet addizzjonali għall-investiment fir-riċerka u fl-innovazzjoni tal-ilma tal-UE u biex l-implimentazzjoni tintrabat aħjar mal-ħtiġijiet tas-soċjetà u taċ-ċittadini[48].

L-Ewropa waslet f'punt ta' bidla fil-ġestjoni tal-ilma, bil-pjanijiet kruċjali li jmiss għall-ġestjoni tal-baċir tax-xmara u bil-pjanijiet ta' ġestjoni tar-riskju tal-għargħar li mistennija jsiru fir-rebbiegħa tal-2022. Ma fadalx ħafna żmien sal-2027, meta l-biċċa l-kbira tal-possibbiltajiet għall-eżenzjoni mill-obbligi tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma jispiċċaw, u l-korpi tal-ilma jridu jkunu fi stat tajjeb.

Billi l-maġġoranza tal-korpi tal-ilma tal-UE għadhom fi stat ħażin, l-Istati Membri jeħtieġ li jaċċelleraw aktar l-azzjoni b'mod urġenti. Meta jittieħdu l-miżuri meħtieġa, il-Patt Ekoloġiku Ewropew huwa opportunità unika li l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati jenħtieġ li jaħtfu sabiex jiġi żgurat futur reżiljenti għall-ilma.

[48] L-inklużjoni ta' ġenerazzjoni ġdida ta' sħubijiet xprunati mill-objettivi u aktar ambizzjuži (is-Sħubija Ewropea is-Sigurtà tal-Provvista tal-Ilma għall-Pjaneta (Water4All); Is-Sħubija għal Ekonomija Blu newtrali għall-klima, sostenibbli u produttiva (SBEP)), u Missjonijiet ta' riċerka u innovazzjoni, ("Oċeani u ilmijiet", "Adattament għat-Tibdil fil-Klima" u "Ħamrija b'Saħħitha").